MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Numru 1108/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Nikolai Sant**

**vs**

**Charles Farrugia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Charles Farrugia, iben Lawrence u Mary Grace nee' Sciberras, imwieled Tal-Pieta' nhar it-3 ta' Lulju, 1978 u residenti f' No1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' numru 321378(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F' dawn il-Gzejjer, bejn l-14 ta' Ottubru 2009 u d-19 ta' Ottubru 2009 f' hinijiet differenti b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

Ikkommetta serq minn gewwa il-fond bl-isem ta’ ‘SECA electroplating Ltd’, li jinsab fi zona industrijali ta’ San Gwann ghad-dannu ta’ Mark Camilleri u Klaus Seemann liema serq hu aggravat bil-u  persuna u valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta’ Ottubru 2009 (esebit *a folio 4* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-21 ta’ Ottubru 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu l-fedina penali relattivament netta u l-fatt li r-res furtive giet ritornata lura lil vittma u l-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 268 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lill-

imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett(3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------